MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 62

30 ta' Awwissu 2016

Minuti tas-seduta Nru. 62 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, imsejħa b'urġenza u saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 30 ta' Awwissu 2016 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Introduzzjoni ta' *rumble strips* fi Triq il-Kbira (T/3/3/Vol V)

1.1. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-seduta preċedenti u qal li kompla jsegwi r-rejazzjoni li kien hemm kemm fil-media soċjali, kif ukoll mir-rispons dirett li huwa rċieva mill-pubbliku. Is-Sur J. Buttigieg qal illi minkejja li miżuri ġodda, mhux l-ewwel darba li wieħed ikollu x'jirranġa, jew jipperfezzjona, u għaldaqstant iħoss li din il-materja ġiet eskalata lill'hinn mill-proporzjon tagħha.

1.2. Is-Sur J. Buttigieg għarraf li huwa s-Segretarju kellhom laqgħa mal-kuntrattur konċernat wara li sar *Skid/Slip Resistance Tests* separati fuq l-asfalt, kif ukoll fuq ir-*Rumble Strips.* Kompla jgħid li tal-ewwel instab li qiegħed medja fi skala 18.8, filwaqt li tat-tieni huwa 32.4

1.3. Is-Sindku qal ukoll li kellu kuntatti mal-Perit A. Testaferrata de Noto li attwalment hija konsulent fil-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, li ġiet murija r-riżultati msemmija fil-minuta 1.2. Fiċ-ċirkostanzi prevalenti, hija pproponiet l-arranġament segwenti:

(a) Jinżebgħu marki tal-karreġġjata *Dragon Teeth* fi:
- Triq il-Kbira, fuq kull naħa ta' Triq Snajjin (għat-triffiku li jkun ħiereġ); u
- Triq il-Kbira, fuq kull naħa ta' Triq il-Pellegrini (għat-traffiku li jkun dieħel).

(b) Jitwaħħlu tabelli "*Reduce Speed Now*" fi:
- Triq il-Kbira, bejn Triq Franġisk Zahra u Triq Snajjin (għat-traffiku li jkun ħiereġ); u
- Triq il-Kbira, bejn Triq il-Pellegrini u Triq iż-Żnuber.

(c) Jitwaħħlu tabelli bi limitu tal-veloċità ta' 20, 30, jew 40 kilometru fis-siegħa, fi:
- Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq it-Tonn u Triq Sant' Elena (għat-traffiku li jkun ħiereġ);
- Triq il-Kbira, qrib Ġnien tal-Pellegrini (għat-traffiku jkun dieħel);

- Triq il-Kbira k/m Triq l-Etna (għat-traffiku li jkun ħiereġ);
- Triq il-Kbira qrib il-k/m Triq il-Pellegrini (għat-traffiku li jkun dieħel);
- Triq il-Kbira, nofs triq bejn Triq iż-Żnuber u Misraħ tas-Salib (għat-traffiku li jkun dieħel).

(d) Serje' ta *Roundels* ta' 20, 30 jew 40 km/h fil-partijiet ta' Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira koperti bit-tabelli tal-limitu tal-veloċità imsemmija fil-paragrafu (c) aktar 'il fuq.

Il-Perit A. Testaferrata de Noto rrakkomandat li l-wiċċ ta' Triq il-Kbira, fejn attwalment hemm ir-*rumble strips* għandu jiġi trattat b'kisja ta' materjali li jipprevjeni skiddjar ta' vetturi.

1.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-limitu tal-veloċità għandu jkun uniformi għat-triq kollha mir-*roundabout* ta' Selmun 'il ġewwa.

1.5. Il-Kunsill approva l-proposta deskritta fil-minuti 1.3 bħala alternattiva għar-*rumble strips* eżistenti u qabel ukoll li l-limitu tal-veloċità għandu jkun ta' 30 kilometru fis-siegħa. Għaldaqstant, ġie deċiż li għandha tinkiseb l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fis-7.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 12 ta' Settembru 2016 fis-7.00pm.





John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**